31993D0100

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Jannar 1993

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE li tħejji lista ta' pajjiżi terzi minn fejn Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-annimali ta' l-ifrat, majjali u *equidae*, laħam frisk u prodotti tal-laħam u li tħassar id-Deċiżjonijiet 89/15/KEE u 90/135/KEE

(93/100/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar is-saħħa u l-problemi ta' l-ispezzjoni veterinarja fuq l-importazzjoni ta' l-annimali ta' l-ifrat, tan-nagħaġ u tal-mogħoż, u l-majjali, laħam frisk u prodotti minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92 [2], u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/469/KEE tas-16 ta' Settembru 1986 li tikkonċerna l-eżami ta' l-annimali u l-laħam frisk għal preżenza tar-residwi [3], u partikolarment l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 88/146/KEE tas-7 ta' Marzu 1988 li tipprojbixxi l-użu fit-trobbija tal-qobla ta' ċerti sostanzi li għandhom azzjoni ormonali [4], u partikolarment l-Artikolu Artikolu 6 tagħha,

Billi bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE [5], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/99/KEE [6], lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-animali ta' l-ifrat u l-majjali, mir-razza taż-żwiemel, laħam frisk u prodotti tal-laħam kienet ġiet stabbilita;

Billi bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/15/KEE [7], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 91/487/KEE [8], l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-annimali ħajjin u l-laħam frisk minn pajjiżi terzi li kienu taw garanziji f'dak li jirrigwarda l-eżami ta' l-annimali u l-laħam frisk għall-preżenza tar-residwi ta' sostanzi li għandhom azzjoni ormonali;

Billi bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/135/KEE [9], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 91/486/KEE [10], il-pjanijiet li jispeċifikaw il-garanziji offruti minn ċerti pajjiżi terzi, f'dak li jirrigwarda l-eżami għar-residwi ta' sostanzi apparti minn dawk li għandhom azzjoni ormonali, huma meqjusa;

Billi fis-suq intern iċ-ċirkulazzjoni ħielsa ta' l-annimali ħajjin u l-prodotti ta' l-annimali tinvolvi l-organizzazzjoni ta' verifiki veterinarji fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, fil-punt tad-dħul fit-territorju tal-Kommunità;

Billi l-funzjoni xierqa ta' din is-sistema ġdida hi bbażata fuq il-faċilità tal-kommunikazzjoni ta' l-informazzjoni u t-trasperenza;

Billi sabiex jintlaħaq dan l-objettiv huwa meħtieġ li jkunu miġbura flimkien il-listi differenti tal-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-annimali ħajjin u tal-laħam frisk u li jkunu inklużi l-pajjiżi terzi skond il-Kodiċi Internazzjonali tan-Normi (Kodiċi ISO);

Billi garanziji kienu mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti ta' ċerti pajjiżi f'dak li jirrigwarda l-użu ta' sostanzi li għandhom effett ormonali għal iskopijiet tas-simna b'relazzjoni ma' l-annimali ħajjin u dawn għandhom ikunu meqjusa;

Billi l-projbizzjoni fuq l-użu tas-sostanzi li għandhom effett ormonali għal skopijiet tas-simna tapplika għall-annimali ħajjin intiżi għall-qatla; billi, mhux iġġustifikat, li din il-projbizzjoni taffettwa r-razez taż-żwiemel għat-tnissil u l-produzzjoni u ż-żwiemel irreġistrati li jiġu minn dawk il-pajjiżi elenkati għar-razez taż-żwiemel;

Billi, aktar minn hekk, huwa meħtieġ li jittieħed akkont tar-reġjonalizzazzjoni ta' ċerti pajjiżi terzi kif stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/160/KEE [11], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 92/161/KEE [12];

Billi aktar minn hekk, huwa meħtieġ li jittieħed akkont ta' l-importazzjoni tan-nagħaġ u l-mogħoż minn pajjiżi terzi;

Billi ċerti Stati Membri jimportaw nagħaġ ħajjin għal qtil immedjat mill-Albanija, u huwa meħtieġ, bħala miżura temporanja li jawtorizzaw importazzjoni diretta ta' dawn l-annimali lejn l-Istati Membri kkonċernati sakemm il-Kummissjoni tkun wettqet missjoni veterinarja; billi huwa meħtieġ li jkun stabbilit limitu ta' żmien ta' 1 Lulju 1993 għall-importazzjoni bħal dawn;

---

[1] ĠU L 302, 31.12.1972, p. 28.
[2] ĠU L 173, 27.6.1992, p. 13.
[3] ĠU L 275, 26.09.1986, p. 36.
[4] ĠU L 70, 16.3.1978, p. 16.
[5] ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15.
[6] ĠU L 40, 17.2.1993, p. 17.
[7] ĠU L 8, 11.1.1989, p. 11.
[8] ĠU L 260, 17.9.1991, p. 15.
[9] ĠU L 76, 22.3.1990, p. 24.
[10] ĠU L 260, 17.9.1991, p. 13.
[11] ĠU L 71, 18.3.1992, p.27.
[12] ĠU L 71, 18.3.1992, p.29.

Billi ċerti garanziji kienu waslu għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Litwanja u l-Ukrajna u hu xieraq, bħala l-ewwel pass, li jiżdiedu l-Litwanja u l-Ukrajna mal-lista li tikkonċerni l-introduzzjoni fil-Komunità tar-razez taż-żwiemel;

Billi l-Istati Membri m'għandhomx jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-annimali u l-prodotti ta' l-annimali koperti b'din id-Deċiżjoni minn pajjiż terz sakemm dawk l-annimali u l-prodotti ta' l-annimali jissodisfaw il-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni minn dak il-pajjiż;

Billi huwa meħtieġ li tkun emendata d-Deċiżjoni 79/542/KEE kif xieraq, u li jitħasru d-Deċiżjonijiet 89/15/KEE u 90/135/KEE;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 79/542/KEE hi emendata kif ġej:

1) it-titolu hu mibdul b'dan li ġej:
"Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li tħejji lista ta' pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-annimali ta' l-ifrat, majjali, nagħaġ u mogħoż, laħam frisk u prodotti tal-laħam".

2) f'Artikolu 1, il-paragrafu 3 (a) u (b) hu mibdul b'dan li ġej:
"3. Mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 92/160/KEE
(a) L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi li jidhru fil-Parti 1 ta' l-Anness,
(b) L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul temporanju fil-Komunità jew ta' żwiemel irreġistrati minn, jew id-dħul mill-ġdid ta' żwiemel irreġistrati wara li jkunu esportati temporanjament lejn pajjiżi terzi jew partijiet tal-pajjiżi terzi li jidhru fil-Parti 2 ta' l-Anness;"

3) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 4 li ġej hu miżjud:
"4. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-annimali ħajjin, partikolarment tar-razza taż-żwiemel għal qtil, laħam u prodotti tal-laħam biss minn dawk il-pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' dawk il-pajjiżi terzi li jidhru fuq il-lista fil-Parti 1 ta' l-Anness u li huma konformi mal-garanziji rigward ir-residwi."

4. l-Anness hu mibdul bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 89/15/KEE u 90/135/KEE huma mħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 19 ta' Jannar 1993.

Għall-Kummissjoni
René STEICHEN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

PARTI 1

ANNIMALI ĦAJJIN, LAĦAM FRISK U PRODOTTI TAL-LAĦAM

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż	Laħam frisk u prodotti tal-laħam				Laħam Frisk		Annimali ħajjin				Rimarki Speċjali				Kodiċi ISO tal-Pajjiż
		Domestiċi				Ferjali						F	M/N	Ħ	Ż	
		F	M/N	Ħ	Ż	D	Ż	Laħam frisk	Prodotti tal-laħam	Annimali ħajjin	Residwi					
AL	l-Albanija	o	x	x	x	o	x	o	x	o	o			(7)	o	AL
AR	l-Arġentina	x	x	o	x	o	x	x	x	x	x		(3)		XR	AR
AT	l-Awstrija	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				XR	AT
AU	l-Awstralja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				XR	AU
BG	Il-Bulgarija	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	(1)	(3)		XR	BG
BR	Il-Brażil	x	x	o	x	o	x	o	o	o	x		(3)	(5)	XR	BR
BW	Il-Botswana	x	x	o	x	x	x	o	o	o	o	(1) (2)	(3)		XR	BW
BY	Il-Belarussja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	(1)	(3)		o	BY
BZ	Il-Beliże	x	o	o	x	o	x	o	o	o	o		(3)		o	BZ
	Il-Bożnia-Ħerzegovina	x	x	x	x	x	x	x	x	o	x	(1)	(3)		o	
CA	Il-Kanada	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				XR (a) (b)	CA
CH	L-Isvizzera	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				XR	CH
CL	Iċ-Ċili	x	x	o	x	x	x	o	x	o	x	(1)	(3)		XR	CL
CN	Ir-Repubblika taċ-Ċina	o	o	x	x	x	x	o	o	o	o	(1)	(3)		o	CN
CO	Il-Kolombja	x	o	o	x	o	x	o	o	o	o		(3)		o	CO
CR	Il-Kosta Rika	x	o	o	x	o	x	o	o	o	o		(3)		o	CR
CS	Iċ-Ċekoslovakkja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	(1)	(3)		XR	CS
CU	Kuba	x	o	o	x	o	x	o	o	o	o		(3)		o	CU
CY	Iċ-Ċipru	x	x	x	x	x	x	o	o	x	x				o	CY
DZ	L-Alġerija	o	o	o	o	o	o	o	o	o	x				o	DZ
EE	L-Estonja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	(1)	(3)		o	EE
ET	L-Etjopia	o	o	o	o	o	o	o	o	o	o		(3)		o	ET
FI	Il-Finlandja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				XR	FI
GL	Il-Groenlandja	x	x	o	x	x	x	o	o	o	x	(1)	(3)		XR	GL
GT	Il-Gwatemala	x	o	o	x	o	x	o	o	o	o		(3)		o	GT
HK	Ħong Kong	o	o	o	o	o	o	o	o	o	o		(3)		o	HK
HN	Ħonduras	x	o	o	x	o	x	o	o	o	o		(3)		o	HN
HR	Il-Kroazja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	(1)	(3)		o	HR
HU	L-Ungerija	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				XR	HU

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż	Laħam frisk u prodotti tal-laħam				Laħam Frisk		Annimali ħajjin				Rimarki Speċjali				Kodiċi ISO tal-Pajjiż
		Domestiċi				Ferjali										
		F	M/N	Ħ	Ż	D	Ż	Laħam frisk	Prodotti tal-laħam	Annimali ħajjin	Residwi	F	M/N	Ħ	Ż	
IL	L-Iżrael	o	o	o	x	o	x	o	o	o	x		(3)		o	IL
IN	L-Indja	o	o	o	o	o	o	o	o	o	o		(3)		o	IN
IS	L-Iżlanda	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				XR	IS
KE	Il-Kenja	o	o	o	o	o	o	o	o	o	o		(3)		o	KE
LI	Il-Litwanja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	(1)	(3)		(d)	LI
LV	Il-Latvja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	(1)	(3)		o	LV
MA	Il-Marokk	o	o	o	x	o	x	o	o	o	x		(3)	(6)	o	MA
MG	Il-Madagaskar	x	x	o	x	o	x	o	o	o	o		(3)		XR	MG
MT	Malta	x	o	x	x	o	x	x	x	x	x	(3)			XR	MT
MU	Il-Mawritus	o	o	o	o	o	o	o	o	o	x		(3)		o	MU
MX	Il-Messiku	x	o	o	x	o	x	o	o	o	x		(3)		XR	MX
NA	In-Namibja	x	x	o	x	x	x	o	o	o	o	(1) (2)	(3)		XR	NA
NI	In-Nikaragwa	x	o	o	x	o	x	o	o	o	o		(3)		o	NI
NO	In-Norveġja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				XR	NO
NZ	In-Nova Żelanda	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				XR	NZ
PA	Il-Panama	x	o	o	x	o	x	o	o	o	o		(3)		o	PA
PL	Il-Polonja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	(1)	(3)		XR	PL
PY	Il-Paragwaj	x	x	o	x	o	x	o	o	o	x		(3)		XR	PY
RO	Ir-Rumanija	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	(1)	(3)		XR	RO
RU	Ir-Russja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	(1) (2)	(3)	(5)	o	RU
SE	L-Isvezja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				XR	SE
SG	Is-Singapor	o	o	o	o	o	o	o	o	o	o		(3)		o	SG
SI	L-Islovenja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	(1)	(3)		o	SI
SV	L-El Salvador	x	x	o	x	o	x	o	o	o	o		(3)		o	SV
SZ	Is-Sważilandja	x	o	o	x	x	x	o	o	o	o	(1)	(3)		XR	SZ
TH	It-Tajlandja	o	o	o	o	o	o	o	o	o	o		(3)		o	TH
TN	It-Tunisija	o	o	o	o	o	o	o	o	o	x		(3) (4)		o	TN
TR	It-Turkija	o	o	o	x	o	x	o	o	o	o		(3)		o	TR
UA	L-Ukrajna	o	o	o	o	o	o	o	o	o	x				(d)	UA
US	L-Istati Uniti ta' l-Amerika	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				XR (c)	US
UY	L-Urugwaj	x	x	o	x	o	x	o	o	o	x		(3)		XR	UY
YU	Ir-Repubblika tal-Jugoslavja	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	(1)	(3)		XR	YU
ZA	L-Afrika ta' Isfel	x	x	x	x	x	x	o	o	o	x	(1) (2)	(3)	(6)	XR	ZA
ZW	Iż-Żimbabwe	x	o	o	o	o	o	o	o	o	o		(3)		XR	ZW

F = Annimali ta' l-ifrat (li jinkludu l-bufli)

N/M = Nagħaġ/Mogħoż

Ħ = Ħnieżer

D = Bid-difer maqsum

Ż = Żwiemel

X = Awtorizzat bi prinċipju

O = Mhux awtorizzat

Rimarki speċjali

(1) Eskluż il-laħam ta' majjali selvaġġi.
(2) Eskluż laħam *bone-in* u interjuri ta' annimali selvaġġi *clovenhoofed*.
(3) Minkejja xi restrizzjonijiet indikati fil-lista hawn fuq, prodotti tal-laħam li kellhom trattament bis-shana f'kontenitur issiġillat ermetikament għal valur F ta' 3 jew iktar huma awtorizzati.
(4) Minkejja xi restrizzjonijiet indikati fil-lista ta' hawn fuq, prodotti tal-laħam li ħadu trattament bis-shana sabiex it-temperatura ċentrali ta' mill-inqas 80 Code en erreur: 8eJC tintlaħaq huma awtorizzati.
(5) Stati Membri għandhom jimportaw biss ekwidi skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/160/KEE li tistabbilixxi r-reġjonalizzazzjoni.
(6) Sakemm ikunu ġew adottati disposizzjonijiet speċifiċi taħt l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 90/426/KEE, Stati Membri m'għandhomx jimportaw ekwidi minn dan il-pajjiż.
(7) Stati Membri jistgħu jimportaw nagħaġ ħajjin għal qatla immedjata minn dan il-pajjiż direttament lejn it-territorju tagħhom sa l-1 ta' Lulju 1993.

Noti addizzjonali

XR Il-pjan li jikkonċerna r-residwi f'annimali ħajjin u laħam frisk għal sustanzi li jkollhom azzjoni tirostatika, estroġenika, ondroġenika jew ġestoġenika u għal sustanzi ta' xort' oħra minn dawk li jkollhom azzjoni ormonali ġie approvat mill-Kummissjoni.

(a) Fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' laħam u annimali bovini intiżi għall-konsum uman dawn huma ristretti għal laħam ottenut minn baqar li ntużaw biss għall-produzzjoni tal-ħalib.
(b) Importazzjonijiet ta' annimali bovini ħajjin huma ristretti għal annimali intiżi għal riproduzzjoni u għal għoġġiela tal-vitella ta' inqas minn 15-il jum maħsuba għat-tħaxxin.
(c) Fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' annimali bovini intiżi għall-konsum uman dawn huma ristretti għal:
  i) jew laħam ottenut minn baqar li ntużaw biss għal produzzjoni ta' affarijiet tal-ħalib,
  ii) jew laħam:
    — li jikkonforma mal-kondizzjonijiet miftiehma bejn l-Istati Uniti ta' l-Amerka u l-Komunità Ekonomika Ewropea,
      u
    — li ġie ottenut minn stabbilimenti ta' laħam frisk forniti b'annimali minn azjendi approvati mill-Kummissjoni. L-ismijiet ta' dawn l-istabbilimenti huma soġġetti għal komunikazzjoni speċifika mill-Kummissjoni lill-Istati Membri.
(d) Fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' żwiemel ħajjin għall-qatla garanziji suffiċjenti ġew riċevuti biex jippermettu l-importazzjonijiet

PARTI 2

KOLONNA SPEĊJALI GĦAÆ-ÆWIEMEL IRREĠISTRATI

Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż	Żwiemel irreġistrati	Rimarki Speċjali
AE	L-Emirati Għarab Uniti	x	
BB	Il-Barbados	x	
BH	Il-Baħrajn	x	
BM	Bermuda	x	
BO	Il-Bolivja	x	
CO	Il-Kolombja	x	(1)
CR	Kosta Rika	x	(1)
CU	Kuba	x	
EC	L-Ekwador	x	(1)
EG	L-Eġittu	x	(1)
HK	Ħong Kong	x	
JM	Il-Ġamajka	x	
JO	Il-Ġordan	x	
JP	il-Ġappun	x	
KW	Il-Kuwajt	x	
LY	Il-Libja	x	
OM	L-Oman	x	
PE	Il-Peru	x	(1)
TR	It-Turkija	x	(1)
VE	Il-Venezwela	x	(1)

x = Awtorizzat bi prinċipju

(1) Stati Membri jistgħu jimportaw biss ir-razez taż-żwiemel skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/160/KEE li tistabbilixxi r-reġjonalizzazzjoni.